**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 377/06**

**Illum: 27 ta' Gunju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Christopher Schembri**
**(ID 362782(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Christopher Schembri ta' 23 sena, imwieled fit-3 ta' Lulju 1982, iben Anthony u Jacqueline xebba Spiteri, residenti Nru. 201, Triq Sant'Elena, Sliema, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 362782(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Ottubru 2004 u matul l-ahhar erba' gimghat ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr

ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Irrenda ruhu komplici skont l-Artikolu 42 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt billi bhala persuna li m'huwiex ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr awtorita` legittima dahhal jew ippruva jddahhal f'xi parti mill-konfini tal-Habs oggett (droga) ikun li jkun, li huwa projbit skond xi regolamenti maghmula skond l-Att dwar il-Habs u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-

kaz jinstema' minn din il-Qorti, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu, ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkoncedietlu zmien bizzejjed sabiex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri u li huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara f'dawn il-proceduri tad-19 ta' Mejju 2008.[1] Biss ghalkemm f'din ix-xhieda, l-Ispettur Ciappara jghid illi kien ser jipprezenta t-tieni stqarrija tal-imputat (li effettivament diga` kienet tinsab fl-atti) bil-visto tad-difiza u fi kliemu illi "*fl-istess nota ikun hemm id-dikjarazzjoni tal-Artikolu 29*"[2], b'referenza ghall-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, din in-nota baqghet ma gietx esebita u ghalhekk din id-dikjarazzjoni baqghet ma saritx.

F'dan ir-rigward, l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs*."

[1] A fol. 21 u 22 tal-process.
[2] A fol. 22 tal-process.

U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anna Spiteri**, moghtija fl-10 ta' April 2014:

"*Huwa ovvju li hawnhekk il-ligi qed tipprospetta zewg possibilitajiet: l-ewwel wiehed meta l-prosekuzzjoni stess tiddikjara fil-process illi dik il-persuna li tkun qed titlob l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tkun ghenet lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, u t-tieni kaz, fl-assenza ta' tali dikjarazzjoni, l-istess persuna misjuba hatja, tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-pulizija. F'kaz il-wiehed jew l-iehor, l-artikolu 29 jipprovdi ghat-tnaqqis tal-piena billi fir-rigward ta' prigunerija din titnaqqas bi grad wiehed jew tnejn, u fir-rigward ta' piena pekunjarja b'terz jew b'nofs.*"

Fl-istess sentenza, imbaghad, il-Qorti rreferiet ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Mifsud**, moghtija fit-2 ta' Awwissu 1999, fejn inghad hekk dwar din id-disposizzjoni tal-ligi:

"*Kif din il-Qorti diġa` kellha l-opportunita` li tfisser f'sentenzi oħra, biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta' grad jew tnejn fil-piena ta' priġunerija (u riduzzjoni ta' terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux biżżejjed li dak li jkun isemmi l-persuna mingħand min ikun xtara d-droga; irid jirriżulta li b'dik l-informazzjoni l-akkużat ikun effettivament* ***għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna****. Jekk minkejja dik l-għajnuna, il-pulizija ma jkollhiex provi biżżejjed biex tressaq lill-persuna indikata l-qorti, jew jekk dik il-persuna indikata tkun diġa` nqabdet mill-pulizija qabel ma tissemma' mill-akkużat, ma jkunx jista' jingħad li l-akkużat ikun għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Altrimenti faċilment jiġri li, biex persuna tnaqqas mill-piena tagħha, tibda ssemmi ismijiet ta' nies li jistgħu jkunu innoċenti, jew l-ismijiet ta' nies li tkun taf li* ***diġa` nqabdu in konnessjoni mal-bejgħ ta' droga lilha***"[3] [sottolinear ta' dik il-Qorti].

Fil-kaz fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Borg u John Sultana**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminal fit-3 ta' Frar 2005, inghad hekk:

"*L-espressjoni "ghenet ... biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni" ("has helped ... to apprehend the person or persons", fit-test Ingliz) tfisser mhux semplicement li l-hati jkun indika lil xi persuna jew persuni bhala l-persuna jew persuni li*

[3] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali – The Republic of Malta vs Kamil Kurucu, 14 ta' Gunju 2007; Ir-Repubblika ta' Malta vs Antoine Debattista, 19 ta' Jannar 2006, Il-Pulizija vs Cuschieri, 7 ta' Jannar 1999; Il-Pulizija vs Philippa sive Filippa Chircop, 2 ta' Marzu 2007.

*pprovdewlu d-droga, izda li tali indikazzjoni tkun verament ikkontribwiet sabiex il-Pulizija tkun f'posizzjoni li tressaq lit-traffikant il-Qorti, dak pero`, li jkun ipprovdielu d-droga.*"

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, apparti illi kif inghad, il-Prosekuzzjoni baqghet ma ghamlitx din id-dikjarazzjoni, jirrizulta biss mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat (illi l-Qorti qeghda tiehu biss konjizzjoni taghha dwar dan il-punt stante li semmai jista' jivvantaggja lill-imputat odjern) illi huwa indika l-persuna li minghandha kien akkwista d-droga eroina. Mill-bqija mill-atti ma jirrizulta xejn izjed u cioe` jekk b'din l-informazzjoni l-imputat kienx effettivament għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna jew fi kliem iehor, jekk din l-informazzjoni kinitix verament ikkontribwiet sabiex il-Pulizija tkun f'posizzjoni li tressaq lill-imsemmija persuna l-Qorti. Ghaldaqstant, ma tqisx illi fil-kaz odjern ghandu japplika t-tnaqqis fil-piena kkontemplat fl-Artikolu 29 tal-Kap. 101.

Tqis ukoll ghall-fini ta' piena, illi f'dan il-kaz xehdu Connie Fenech in rapprezentanza tal-Komunita` ta' Santa Marija[4], li spjegat illi f'Mejju 2008, l-imputat kien qed isegwi programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li kien ghamel progress notevoli. Il-Qorti hawnhekk tinnota illi ghalkemm fl-ewwel seduta mizmuma ghas-smiegh tal-kawza odjerna, fl-4 ta' Frar 2008, xehed Ray Grech in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa, it-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda ma tinsabx fl-atti processwali. Biss sussegwentement, apparti li kif inghad xehdet Connie Fenech, xehdet ukoll Vicky Scicluna f'Mejju 2009[5], li spjegat illi l-imputat kien gradwa mill-programm, kien qed jghix hajja stabbli u kellu wkoll impjieg regolari. Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2010, gie pprezentat ukoll *Pre-Sentencing Report* mill-Ufficjal tal-*Probation* Joanna Farrugia fir-rigward tal-istess imputat[6], liema rapport kien wiehed pozittiv u jindika wkoll li l-imputat beda juri mpenn sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga f'Jannar 2007, li f'Marzu 2007 beda programm residenzjali fi hdan il-Komunita` Santa Marija, liema programm huwa temmu b'success f'Awwissu 2008 u gradwa sena wara, f'Awwissu 2009. Kampjun tal-eroina li halla l-imputat gewwa l-Ufficju tal-*Probation* fid-29 ta' Marzu 2010 irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi illeciti. Fid-dawl ta' dan kollu, ghalhekk l-Ufficjal tal-*Probation* irrakkomandat illi ghalkemm il-piena ta' prigunerija f'dan il-kaz hija wahda tassattiva, biss kellu jitqies il-fatt illi l-imputat ghadda minn process ta' rijabilitazzjoni.

---

[4] A fol. 18 sa 20 tal-process.
[5] A fol. 44 u 45 tal-process.
[6] A fol. 50 sa 59 tal-process.

Madankollu, min-naha l-ohra, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi ghalkemm il-fedina penali tal-imputat kienet wahda netta fiz-zmien tal-kaz odjern, mill-fedina penali aggornata tal-istess imputat jirrizulta illi apparti li gie kkundannat ghal diversi reati wara z-zmien li ghalih jirreferi l-kaz odjern fosthom pussess semplici ta' droga, frodi b'eghmil qarrieqi, falsifikazzjoni ta' dokumenti, serq semplici u serq aggravat, jirrizulta wkoll illi ghalkemm kien hemm zmien bejn is-snin 2006 u 2012, fejn ma zdiedu l-ebda kundanni fuq il-fedina penali tal-imputat, biss fis-sena 2013 'il quddiem, huwa nstab hati ta' pussess semplici ta' droga, komplicita` f'serq aggravat, reati taht il-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, reati kontravvenzjonali, u anke pussess aggravat ta' droga. Fl-ahhar kaz, huwa gie kkundannat *inter alia* ghal tliet snin prigunerija. Qieset ukoll ghalhekk illi ghalkemm kien hemm stadju fejn l-imputat zamm il-boghod mill-vizzju tad-droga u beda jghix hajja stabbli, biss wara xi zmien, huwa rega' waqa' f'dan il-vizzju u baqa' jippersisti fih u konsegwentement f'hajja kriminali.

Qieset ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u li mill-atti jirrizulta illi dan il-kaz kien jinvolvi sejba ta' droga eroina fuq terza persuna, certa Marouska Azzopardi, hekk kif din kienet diehla l-habs bhala vizitatur nhar it-22 ta' Ottubru 2004. Jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-espert mahtur fil-mori tal-inkjesta dwar il-kaz, l-Ispizjar Mario Mifsud, illi fit-trab kannella misjub fil-pussess tal-imsemmija Azzopardi, f'ammont nett totali ta' 0.653 grammi, instabet is-sustanza Herojina u illi l-purita` tat-trab ghal din is-sustanza kienet ta' cirka 42%.[7]

Qieset ukoll illi ghalkemm dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2004 u ghalkemm il-Prosekuzzjoni intavolat ic-citazzjoni odjerna fir-Registru ta' din il-Qorti f'Ottubru 2006 u l-kawza bdiet tinstema' fi Frar 2008, biss id-dewmien f'dawn il-proceduri kien dovut fil-maggor parti tieghu ghall-imputat odjern, kif jirrizulta ampjament mill-atti processwali.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta'

[7] A fol. 28 sa 32 tal-process.

Malta u l-Artikoli 17(h), 18, 42(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **tnax-il (12) xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' elf ewro (€1,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti **m'hijiex** qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-istess espert kien gie nominat fl-istadju tal-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u r-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebita flimkien mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat